**23 ta' Novembru, 1959**

**Imhallfin:—**

**Is-T.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Carmelo Mallia

*versus*

Dr. Paul L. Bernard

**Transazzjoni — Retratt — Żball.**

*It-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha mill-kuntratti l-oħra. L-ewwel wieħed hu dak tad-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok li jħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-pratiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċjoè l-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku.*

*Kwantu għad-dubju, hu biżżejjed li d-dritt kontrovers ikun dubbjuż fil-ħsieb tal-partijiet; huwa essenzjalment soġġettiv, kif jeżisti fl-animu tal-partijiet fil-mument tal-kuntratt.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed jixtri fond u ħadd ieħor jirkupraħulu u jagħmillu kawża għar-rivendizzjoni, u hu jeċċepixxi fost affarijiet oħra illi l-irkupru mhux validu għax eżerċitat fl-interess ta' ħadd ieħor li mhux ir-retraent, u dik il-kawża tiġi transatta fis-sens li x-xerrej jobliga ruħu li jagħmel ir-rivendizzjoni skond il-kondizzjonijiet mifthema fit-transazzjoni, ma jistax mbgħad dan jirrifjuta li jagħmel dik ir-rivendizzjoni billi jallega illi immedjatament wara li ffirma t-transazzjoni sar jaf pożittivament illi l-irkupru kien ġie eżerċitat għal ħadd ieħor; u ma jistax jimpunja dik it-transazzjoni minħabba żball, jew qerq da parti tal-kontraent l-ieħor, apparti l-verità jew le ta' din l-allegazzjoni. Hu ma jistax jippretendi li kien hemm fil-każ dik l-għamla ta' żball li skond il-liġi tannulla l-kunsens.*

*It-transazzjoni, għar-rigward tal-kontroversja komposta biha, għandha bejn il-partijiet l-effett ta' ġudikat; u biex tiġi dis-*

*turbata jeħtieġ li l-provi tan-nullità tagħha jkunu ċertissimi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'ċedola ta' rkupru tat-12 ta' Awissu 1957 u tad-depożitu tat-22 ta' Awissu 1957 il-konvenut irkupra b'titolu ta' konsangwineità u kwalunkwe titolu ieħor validu skond il-liġi minn għandu l-fondi ndikati fiċ-ċedola fuq riferita (dok. A), li huwa kien xtara minn għand Dottor Fiżiku Edgar Bernard u oħrajn fl-atti tan-Nutar Dr. John Tabone Adami tas-16 ta' Awissu 1956; u illi, billi huwa ma għamelx ir-rivendizzjoni, il-konvenut iddeduċa t-talba relattiva quddiem dik il-Qorti fil-kawża "Dr. Paul L. Bernard vs. Carmelo Mallia" (ċitazzjoni nru. 103/58 M.), li tinsab għadha pendenti; u illi bi skrittura tat-3 ta' Marzu 1958 (dok. B) ġiet transatta din il-kawża fis-sens li huwa obliga ruħu li jirrilaxxja u jirrivendi favur il-konvenut il-fondi minnu rkuprati bil-kondizzjonijiet kollha hemm indikati; u illi, immedjatament wara din it-transazzjoni, huwa sar jaf pożittivament li l-konvenut kien irkupra l-imsemmija fondi għal ħadd ieħor, u li sar ftehim espress bi prekonċert ma' ħadd ieħor f'dan is-sens; u illi huwa ġie ndott għal din it-transazzjoni minħabba żball, qerq, u għax ma kienx jaf li l-konvenut kien irkupra l-imsemmija fondi għal ħadd ieħor; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, tiġi rexissa, u kwindi dikjarata nulla u bla effett legali, it-transazzjoni kontenuta fl-iskrittura fuq riferita għall-motivi fuq speċifikati. B'riżerva għad-danni, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Marzu 1959, li biha ċaħdet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża fil-qosor huma dawn. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. John Tabone Adami tas-16 ta' Awissu 1956 l-attur xtara minn għand il-konvenut u oħrajn, "in solidum" bejniethom, il-fondi ndikati fl-istess kuntratt kif

ukoll fid-dokument "A" anness mać-ćitazzjoni, bil-prezz ta' £915. B'ċedola tat-12 ta' Awissu 1957 il-konvenut irkupra b'titolu ta' konsangwineità u kwalunkwe titolu ieħor validu skond il-liġi minn għand l-attur l-istess fondi, u b'ċedola oħra tat-22 ta' Awissu 1957 huwa ddepożita l-prezz u imgħaxijiet relattivi. L-attur naqas li jagħmel ir-rivendizzjoni tal-imsemmijin fondi lill-konvenut, għalkemm huwa ġie nterpellat għal dan il-fini b'ittra uffiċjali tad-9 ta' Ottubru 1957; u għalhekk, b'ċitazzjoni numru 103 tal-ewwel ta' Frar 1958, il-konvenut talab li l-attur jiġi kundannat jirrilaxxjalu u jirrivendilu dawk il-fondi. B'nota tas-26 ta' Frar 1958 l-attur *eċċepixxa li l-irkupru ma ġiex validament eżerċitat* mill-konvenut, għaliex il-fondi ħarġu mill-familja, u għaliex il-konvenut kien qiegħed jirkupra għal ħadd ieħor, u mhux għalieh. Il-partijiet, però, ġew għal ftehim, u bi skrittura tat-3 ta' Marzu 1958 ittransiġew il-kawża fissens li l-attur obliga ruħu li jirrilaxxja u jirrivendi favur il-konvenut l-imsemmija fondi minnu rkuprati bil-kondizzjonijiet kollha ndikati fl-istess skrittura (*Dok. "B" fol. 8*), u dik il-kawża kellha tiġi ċeduta malli ssir ir-rivendizzjoni. L-attur reġa' ma għamelx dik ir-rivendizzjoni. Huwa jippretendi li immedjatament wara li ġiet firmata l-iskrittura ta' transazzjoni huwa sar jaf pożittivament li l-konvenut kien irkupra dawk il-fondi għal ħadd ieħor, u li sar ftehim espress f'dan is-sens bi prekonċert ma' ħadd ieħor, u li huwa ġie ndott għal dik it-transazzjoni minħabba żball, qerq, u għaliex ma kienx jaf li l-konvenut kien irkupra l-istess fondi għal ħadd ieħor, u qiegħed jitlob li għal dawn il-motivi t-transazzjoni kontenuta fl-iskrittura tiġi rexissa;

Illi t-transazzjoni għandha bejn il-partijiet is-setgħa ta' sentenza *li għaddiet f'ġudikat*, u *ma tistax tiġi attakkata* minħabba żball ta' liġi; tista' tiġi rexissa jekk ikun hemm żball dwar il-persuna li magħha sar il-ftehim, jew dwar il-ħaġa li kienet oġġett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kellhom il-ħsieb li jissewwew, kull meta jkun hemm għemil doluż jew vjolenza, kif ukoll, f'ċerti każi, meta minħabba żball ta' fatt tkun saret b'eżekuzzjoni ta' titolu null (art. 1823, 1824, 1825 Kodiċi Ċivili). *Fil-każ taħt konsiderazzjoni*, l-attur ma jippretendix li huwa ffirma l-iskrittura mħabba żball jew qerq fis-sens kif kontemplat f'dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi; huwa mhux qiegħed jippretendi li kien

ħemm żball fuq il-persuna tal-konvenut li miegħu ftiehem, jew fuq il-ħaġa li kienet l-oġġett tat-transazzjoni, u lanqas li huwa ġie ndott jiffirma l-iskrittura bi vjolenza jew b'xi qerq in kwantu li dik l-iskrittura ma ġietx lilu moqrija u mfissra sewwa qabel ma ffirmaha. L-attur qiegħed jippretendi li ffirma l-iskrittura tat-transazzjoni bi żball; f'liema żball huwa ġie ndott bil-qerq tal-konvenut. Għal dan il-motiv it-transazzjoni tista' wkoll tiġi rexissa, għaliex il-liġi tannulla att minħabba dolo, anki għaliex dan jipproduċi l-vizzju tal-iżball (Vol. XXIX-II-832);

Illi l-attur jagħmel jikkonsisti dan l-iżball tiegħu li fih ġie ndott bil-qerq tal-konvenut billi, kif jippretendi, dan tal-aħħar kien irkupra l-fondi msemmijin fiċ-ċitazzjoni mhux għalih stess, imma fl-interess u komodu ta' Salvatore Debono, u li b'din iċ-ċirkustanza huwa sar jaf b'mod pożittiv minn Giuseppe Mallia immedjatament wara li kien ġa ffirma l-iskrittura. Biex jirnexxi fl-istanza tiegħu, kif inhi minnu proposta, l-attur irid għalhekk jipprova li Giuseppe Mallia rriferielu dawk il-fatti immedjatament wara li huwa laħaq iffirma l-iskrittura, jew almenu qabel ma ppreżenta ċ-ċitazzjoni odjerna, li mill-istess fatti huwa ma kien jaf xejn qabel, u li dawk il-fatti juru pożittivament li l-konvenut irkupra l-fondi fl-interess u komodu ta' Salvatore Debono. Dawn il-provi li jrid jagħmel l-attur huma ta' akbar importanza fil-każ taħt konsiderazzjoni, billi l-attur fil-kawża l-oħra msemmija, li ġiet transatta in forza tal-istess skrittura, kien eċċepixxa, kif ġa ssemma, li l-konvenut kien eżerċita l-irkupru għal ħadd ieħor, u mhux għalih stess, u kien anzi, għall-konferma ta' din l-eċċezzjoni sollevata minnu, indika x-xhieda li kellu jipproduċi; għalhekk għandu almenu jiġi preżunt li l-attur sal-ħin li ffirma l-iskrittura kien konvint mill-provi li kellu allura li dak l-irkupru l-konvenut kien eżerċitah validament fl-interess esklużiv tiegħu, għaliex diversament dik l-iskrittura ma kienx jiffirmaha. Infatti, għalkemm il-liġi tannulla att minħabba dolo, anki għaliex dan jipproduċi l-vizzju tal-iżball, dan isir biss fil-każ li l-iżball ikun invinċibbli, ikun skużabbli, għaliex l-imprudenza u l-leġġerezza tal-kontraent mhix raġuni ta' annullament ta' att (Vol. XXVIII-II-468; XXVI-III-604). Għalhekk, l-uniċi ndaġini li jridu jsiru f'din il-kawża għandhom jirrigwardaw biss il-provi fuq imsemmijin, u mhux

merament dik, li pprova wkoll jagħmel l-attur, jekk il-konvenut irkuprax il-fondi fl-interess ta' ħadd ieħor. Din l-aħħar indaġini teżorbita mill-meritu ta' din il-kawża, u tkun tista' talvolta ssir fil-kawża l-oħra, bħala konsegwenza tal-eċċezzjoni analoga ġa sollevata mill-attur, fil-każ li huwa jkollu eżitu favorevoli f'din il-kawża u t-transazzjoni fil-kwistjoni tiġi rexissa;

Illi l-attur jgħid li Giuseppe Mallia rriferielu l-fatti . . . . Għalhekk, f'din l-ipotesi, l-attur kien jaf bil-fatti riferiti lilu minn Giuseppe Mallia qabel ma ffirma l-iskrittura; u jekk għamel żball, u b'imprudenza u leġġerezza wasal għal dak il-ftehim mal-konvenut meta kien a konjizzjoni ta' dawk il-fatti per mezz taż-żewġ xhieda msemmijin, dak l-iżball ma kienx derivanti minn xi qerq tal-konvenut, u ma kienx skużabbli u lanqas invinċibbli;

Illi fi kwalunkwe każ, anki jekk Giuseppe Mallia rriferielu dawk il-fatti immedjatament wara li huwa ffirma l-iskrittura, kif jidher li kien skond il-kliem li Mallia jgħid li qallu l-attur meta ltaqa' miegħu l-Qorti, it-teżi tal-attur tibqa' nsostenibbli. Ma jirriżultax li Mallia lill-attur irriferielu xi fatti pożittivi dwar il-pretiż qerq tal-konvenut, jew almenu xi fatti ġodda . . . . ;

Apparti li dak li x-xhud Mallia rriferixxa lill-attur kien biss ħsieb tiegħu, u mhux xi fatt pożittiv, dak li ħaseb ix-xhud imsemmi ma jikkostitwixxi ebda qerq da parti tal-konvenut. Il-prinċipji li jirregolaw il-materja rigward l-invalidità tal-irkupru magħmul fl-interess u komodu ta' ħadd ieħor huma dawn. Ir-regola stabbilita mil-liġi, konfermata mill-ġurisprudenza anterjuri, hi li r-retratt ma jistax jiġi eżerċitat għall-komodu ta' ħadd ieħor (art. 1508(2) Kod. Ċivili); imma l-ġurisprudenza reċenti ammettiet temperamenti għar-rigur li bih din ir-regola kienet qabel tiġi applikata, fosthom dak li anki min għandu d-dritt tar-retratt ġentilizju mhux obligat iżomm għalieh, lanqas għal mument wieħed, il-fond irkuprat; kif ukoll li, wara li tkun saritlu r-rivendizzjoni, ir-retraent jista' jerġa jiddisponi mill-fond irkuprat bi profitt, anki jekk dan kien il-ħsieb tiegħu sa minn qabel ma huwa eżerċita l-irkupru. Ikun hemm in-nullità tal-irkupru fil-każ biss li r-retraent ikun

ftiehem minn qabel ma' ħadd ieħor li għandu jittrasferilu l-fond malli ssirlu r-rivendizzjoni (Vol. XXXIII-I-432). Il-provi tas-simulazzjoni, tal-fatt ċjoè li l-irkupru jkun eżerċitat fl-interess ta' ħadd ieħor in segwitu għal akkordju preventiv ma' dan ħadd ieħor, jistgħu jkunu diretti u jistgħu jkunu ndiretti, imma f'dan l-aħħar każ il-provi jridu jkunu preċiżi, gravi u konkordanti, b'mod li l-indizji ma jiswewx biex jippruvaw is-simulazzjoni jekk jinsabu ndebboliti minn indizji kuntrarji (Vol. XXXII-I-343; XXXIII-I-390);

Fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji, ma hemm xejn li jobliga lill-attur li jżomm għalieh il-fondi minnu rkuprati, wara li ssirlu r-rivendizzjoni u li ma jittrasferihomx bi profitt lil ħadd ieħor; anzi huwa seta', kif aktarx jidher li għamel, irkupra l-istess fond b'dan il-ħsieb. Ix-xhud Mallia ma rriferiex lill-attur xi fatt li juri pożittivament, b'mod preċiż, gravi u konkordanti, anżi bl-ebda mod, lanqas bil-ħsieb tiegħu, li l-konvenut il-fondi rkuprahom għal Salvatore Debono, u li għal dan l-iskop kellu miegħu akkordju preventiv. Tant il-konvenut kemm Salvatore Debono eskludew xi akkordju simili bejniethom. Tant jidher li l-konvenut ma kellux dan l-akkordju ma' Salvatore Debono, u anzi ma' ħadd, li, wara li ġiet firmata l-iskrittura u nqalgħet il-kwistjoni, l-attur mar mal-konsulent legali tiegħu għand il-konvenut biex jirranġa miegħu, u l-konvenut ried jirranġa, imma ma ftehmux fuq il-prezz. Il-konvenut ma jidherx li kien ikun irid jirranġa mal-attur kieku kellu l-imsemmi akkordju preventiv ma' Salvatore Debono jew ma' ħadd ieħor. Bħala ndizju favur it-teżi tiegħu, l-attur isemmi li, biex irkupra l-fondi, l-konvenut kellu jissellef xi flus; imma s-self li wieħed jikkontratti biex jipprokura flus biex bihom jeżerċita l-irkupru ma jikkostitwixxix, waħdu, motiv ta' invalidità tal-irkupru (Vol. XXIX-I-837);

Illi b'dan il-mod it-talba tal-attur ma tistax tiġi milqugħa;

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni f'din il-kawża hi biss jekk il-ftehim li sar bl-iskrittura li hemm kopja tagħha fol. 8 tal-proċess huwiex null għar-raġuni dedotta fiċ-ċitazzjoni tal-attur. Il-bażi ta' fatt tal-pretensjoni tal-attur hija illi l-konvenut irkupra minn għandu l-fondi msemmija fiċ-ċitazzjoni tal-attur. Il-bażi ta' fatt tal-pretensjoni tal-attur hija illi l-konvenut irkupra minn għandu l-fondi msemmija fiċ-ċitazzjoni fl-interess ta' Salvatore Debono, u li huwa (l-attur) sar jaf żgur b'dan il-fatt wara li sar dak il-ftehim;

Din il-Qorti hi ta' fehma illi, anki kieku, "ex hypothesi", kienu veri l-fatti postulati mill-attur, l-azzjoni tiegħu f'din il-kawża ma tistax isseħħ. Għad illi l-attur fiċ-ċitazzjoni isemmi tant id-"dolo" kemm l-"żball", jidher ċar mill-proċeduri illi t-teżi tiegħu tinsab impernjata fuq dan tal-aħħar. Dolo fis-sens ta' raġġiri jew artifizji frawdolenti pratikati mill-konvenut biex iġiegħel lill-attur jaddivjeni għall-iskrittura mpunjata ma ġiex anqas allegat. Eppure dan hu d-dolo li kien ikun neċessarju li jiġi pruvat biex tiġi annullata minħabba fih dik l-iskrittura. "Affinchè il dolo sia causa di nullità del consenso, e quindi della transazione, come di ogni altro contratto qualunque, è necessario che siansi usati raggiri, che questi raggiri siano posti in opera da uno dei contraenti a danno dell'altro, e che siano stati la causa diretta determinante del contratto; di modo che senza di essi l'altra parte non avrebbe stipulato il contratto stesso" (Fadda, art. 1772, no. 91; ara wkoll art. 1773, no. 17 u 28);

It-teżi tal-attur, però, hija illi l-konvenut, meta eżerċita l-irkupru, u mbgħad istitwixxa l-kawża l-oħra li għaliha tirriferixxi t-transazzjoni, fejn talab li dak l-irkupru jiġi dikjarat validu u li l-attur (allura konvenut) jiġi kundannat jagħmel ir-rivendizzjoni, kien in dolo, għaliex kien jaf illi l-pretensjoni tiegħu kienet falza peress illi l-irkupru kien invalidu. B'din il-pretiża falza, l-attur jgħid, il-konvenut induċieh fl-iżball, billi ġiegħelu jaħseb illi hu tassew kien irkupra għalieh innifsu, u kwindi validament, u din kienet

ir-raġuni li ddeterminatu sabiex jersaq għat-transazzjoni ta' dik il-kawża;

Issa, l-ewwelnett din il-kuxjenza doluża fil-konvenut kien jeħtieġ li tiġi pruvata. Però, l-aktar importanti hu dan li ser jingħad;

Kontra t-talba tal-konvenut, magħmula fil-kawża l-oħra kif intqal fuq, l-attur odjern kien oppona illi l-irkupru ma kienx ġie validament eżerċitat għal żewġ raġunijiet, ċjoè illi l-fond kien ħareġ mill-familja, u illi l-konvenut kien irkupra għal ħadd ieħor, u mhux għalieh. Fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet l-attur reġa' qal illi l-konvenut kien qiegħed jirkupra l-fond għal ħadd ieħor, u ddikjara numru ta' xhieda biex jixhdu fuq ċirkustanzi li juru li l-attur (konvenut tal-lum) ma rkuprax għalieh, imma għal ħadd ieħor;

B'dan il-mod, il-kwistjoni jekk l-irkupru kienx sar fl-interess tal-konvenut jew fl-interess ta' ħadd ieħor (u r-riferenza għal "ħadd ieħor" kienet evidentement riferenza għal Salvatore Debono) ġiet formalment magħmula mill-attur parti mill-kontroversja impenjata bejn il-partijiet f'dik il-kawża; u dik il-kontroversja, inkluża dik il-kwistjoni, kienet appuntu l-oġġett tat-transazzjoni issa mpunjata, li biha l-partijiet ftehmu li jittransiġu dik il-kawża;

It-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirsolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku. Kwantu għad-dubju, biżżejjed illi d-dritt kontrovers ikun dubbjuż fil-ħsieb tal-partijiet; id-dubju hu esklużivament soġġettiv, kif jeżisti fl-animu tal-partijiet fil-mument tal-kuntratt; "al tempo posteriore, che può chiarire e rendere certo quello che per lo innanzi appariva dubio, non può nè deve aversi alcun riguardo, perchè il pericolo della lite esisteva in grazia del dubio, ed i contraenti, volendola prevenire, hanno inteso transigere" (Ricci, Vol. IX, para. 107, p. 201);

Issa, anki jekk wieħed jaċċetta t-teżi tal-attur, ċjoè illi fiż-żmien li saret it-transazzjoni, hu kellu dubju illi l-irkupru in kwistjoni kien invalidu għax kien ġie eżerċitat għal ħadd ieħor, liema dubju hu kien jispera li jipprova fondat per mezz tal-provi li ddikjara li kien bi ħsiebu jipproduċi, dak id-dubju kien preċiżament, flimkien mal-bqija tal-kontroversja ingaġġjata bejn il-partijiet biċ-ċitazzjoni minn naħa l-waħda u l-eċċezzjonijiet minn naħa l-oħra, l-oġġett tat-transazzjoni li saret. Per mezz tagħha, dak id-dubju ġie eskluż daqs li kieku l-kawża tkompliet, ġie dikjarat infondat bis-sentenza tal-Qorti biċ-ċaħda tal-eċċezzjoni sollevata mill-attur f'dik il-kawża u bl-akkoljiment tat-talba tal-konvenut għad-dikjarazzjoni tal-validità tal-irkupru u l-kundanna tal-attur biex jagħmel ir-rivendizzjoni. Dan ifisser illi l-kwistjoni tal-invalidità tal-irkupru għarraġuni mogħtija f'dik l-eċċezzjoni tal-attur ġiet, bit-transazzjoni, riżoluta darba għal dejjem, u kieku anki kien veru illi l-attur skopra wara illi l-konvenut, "għal dik ir-raġuni", ma kellux dritt jirkupra, dan ma kienx jikkostitwixxi ebda żball li jannulla l-kunsens u kwindi dik it-transazzjoni. "Lo scopo della transazione essendo precisamente quello di rimuovere uno stato di incertezza e di prevenire possibili liti, non è causa sufficiente ad infirmarla il posteriore accertamento della carenza del diritto transatto" (Fadda, art. 1764, no. 67). Intqal ukoll:— "L'errore o falso supposto caduto sopra quelle circostanze circa le quali i contraenti volevano transigere non fa venir meno il consenso, e perciò non rende nullo la transazione" (ibid. no. 89);

Għad illi l-kawża preżenti tidher bażata fuq il-vizzju tal-kunsens, fil-verità u fil-fatt hi terġa tiftaħ l-istess kwistjoni, jew "ad ogno modo" waħda mill-istess kwistjonijiet, li ġew transatti fil-kawża l-oħra. Bit-transazzjoni f'dik il-kawża din il-kwistjoni ġiet deċiża fis-sens illi l-irkupru ma kienx null, tant li l-attur obliga ruħu li jagħmel ir-rivendizzjoni. Issa, f'din il-kawża l-attur irid jerġa juri illi l-irkupru sar għal ħadd ieħor u għalhekk kien null. "Un atto, suppongasi, è attaccato per una causa determinata di nullità, interviene la transazione, ed è certo che quella nullità non può essere più posta in quistione" (Ricci, loc. cit., no. 116);

Bit-transazzjoni l-attur sostanzjalment irrinunzja

għall-impunjazzjoni tad-dritt tal-konvenut sperimentat fil-kawża l-oħra. Dan għamlu b'għajnejh miftuħa, appuntu għax daqshekk kienet timporta t-transazzjoni fiha nnifsha. Ta' dan hu rċieva korrispettiv konsistenti f'rigal ta' £400 oltre ħlasijiet żgħar oħra. Ġa ladarba hu għażel li jittransiġi fuq dawk il-kwistjonijiet minflok ikompli l-kawża u jeskuti l-provi biex juri illi l-irkupru kien sar għal ħadd ieħor, dan kien ir-riskju li ħa, jew aħjar is-sagrifiċċju li għamel, in korrispettiv tas-sagrifiċċju li għamlet il-parti l-oħra bil-ħlasijiet fuq imsemmijin;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax l-attur jippretendi li kien f'dik l-għamla ta' żball li skond il-liġi jivvizja l-kunsens, sempliċement għax jippretendi li wara t-transazzjoni hu skopra provi oħra li jwettqu dak li diġà qabel kien jaf jew kien jaħseb, anki jekk deherlu li ma setax jippruvah; u dan appuntu għaliex dik l-inabbilità li jagħmel il-prova kienet ir-raġuni tad-dubju tad-dritt tiegħu li minħabba fih u fuqha hu ttransiġa;

Għalhekk, din il-Qorti li ta' fehma wkoll, bħal l-Ewwel Qorti, illi l-azzjoni tal-attur bażata fuq l-allegat vizzju tal-kunsens ma hix sostenibbli. Preċiżament għaliex it-transazzjoni, għar-rigward tal-kontroversja komposta biha, għandha bejn il-partijiet l-effett ta' ġudikat, jeħtieġ, biex tiġi disturbata, illi l-prova tan-nullità tkun ċertissima. "La prova della causa di nullità della transazione deve essere più che in ogni materia, piena, limpida, concludentissima, ed esclusiva di qualunque dubio in contrario; altrimenti deve essere mantenuta" (Pacifici Mazzoni, Istituzioni, Vol. V, para. 245);

Del resto, apparti dak kollu li ntqal fuq, din il-Qorti anqas issib raġuni biex ma taqbelx mal-ewwel waħda anki fuq il-fatti: ċjoè, l-ewwelnett ma tirritjenix illi l-attur, sempliċement bil-kliem li hu jgħid li qallu s-sensal Giuseppe Mallia immedjatament wara li ġiet firmata l-iskrittura in kwistjoni, skopra xi prova deċiżiva li turi xi ħaġa li hu ma kienx jaf jew jissuspetta qabel. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-ismijiet tax-xhieda li hu kien indika fid-dikjarazzjoni tiegħu fil-kawża l-oħra u jqabbilhom ma' dawk li hu pproduċa issa f'din il-kawża. Mbgħad, din il-Qorti lanqas jid-

hrilha illi bil-provi li pproduċa l-attur ipprova illi l-irkupru sar mill-konvenut għall-interess ta' Salvatore Debono fissens strett illi l-liġi u l-ġurisprudenza nterpretattiva jeżiġu biex jista' jingħad illi l-irkupru kien null;

Għal dawn il-motivi, l-appell tal-attur ma jistax jiġi milqugħ, u din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad dak l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.